

# Croatia
## with a touch of Slovenia

**18 - 22 TA' DIĊEMBRU**

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Zagreb, Plitvice Lakes, Trakošćan Castle, Varazdin, Samobor, Ljubljana,....**

**Il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fl'10:00 għat-titjira FR2186 li ttir fin-12:25 u naslu **Zagreb** fis-14.20. Tluq lejn iċ-ċentru ta' Zagreb u check in fil-**Hotel Dubrovink** 4 stars - li qiegħda fil-pjazza principali. Wara ħarga mal-leader biex nibdew ingawdu din il-belt imżejna għall-festi tal-Milied. Christmas Markets ma jonqsux.

**Is- Sibt 19 ta' Diċembru**
Illum għandna ġurnata biex niskopru żewġ destinazzjonijiet affaxxinanti fit-Tramuntana tal-Kroazja. Nibdew il-vjaġġ għal-Kastell romantiku **Trakošćan**, wieħed mill-aktar kastelli storici sbieħ fil-Kroazja, imdawwar b'foresti u lag pittoresk. Nżuru l-kastell minn ġewwa biex nitgħalmu dwar sekli ta' storja nobbli (dħul extra) u ngawdu mixjiet rilassant fil-ġonna tal-kastell u l-park. Wara nkomplu lejn **Varaždin**, belt barokka u eleganti ġewwa l-Kroazja, magħrufa għat-toroq ikkuluriti tagħha, palazzi storiċi, pjazez affaxxinanti, kafetteriji....Mixja madwar il-belt antika sabiħa u ppreservata, il-fortizza medjevali, u ngawdu u nżuru il-Christmas Markets, żgħar iżda affaxxinanti u awtentiċi.

**Il-Ħadd 20 ta' ta' Diċembru**
Breakfast. Illum għandna ġurnata mill-isbaħ ġewwa **Plitvice Lakes.** Hawnhekk se nkunu qed nżuru sittax -il għadira b'ilma blu qisu kristal li minnhom jinżlu għadd ta' nixxiegħat mill-aktar pittoreski. Nimxu matul il-park fejn ma' kull dawra naraw kaskati mill-aktar spettakolari (dħul extra). Bla dubju, ġurnata mimlija xenarji mill-aqwa li żgur ma ninsewha qatt! Nirritornaw lura l-lukanda.

**It-Tnejn 21 ta' Diċembru**
Illum ser inżuru Slovenia fejn l-ewwel ser immorru **Ljubljana,** il-kapitali ta' Slovenia. Ikollna city tour biex naraw l-aktar postijiet interssanti bħall-kastell medjevali, Old Town, Dragon Bridge u pjazez mill- isbaħ. Ħin liberu għall- ikel, shopping u ħin biex ingawdu l-Christmas Market b'ħafna souvenirs tradizzjonali. Dan meqjus li huwa wieħed mill-aktar swieq tal-Milied sbieħ fl-Ewropa Ċentrali. Nirritornaw lura Zagreb.

**It-Tlieta 22 ta' Diċembru**
Breakfast u ħin liberu. Wara nerħula lejn **Samobor** belt żgħira u pittoreska viċin Zagreb magħrufa għall-atmosfera sabiħa u tradizzjonali tagħha. Nagħmlu dawra mal-qalba tal-belt biex naraw il-pjazza prinċipali mimlija bini storiku, toroq żgħar mimlijin ħwienet u kafetteriji tipiċi u l-knejjes antiki li jagħtu karattru lil din il-belt sabiħa. Ħin liberu, ma jinqoss li nduqu l-famuża kremšnita ta' Samobor flimkien ma' prodotti oħra tradizzjonali u souvenirs lokali. Min jixtieq jista' wkoll jagħmel mixja rilassanti ħdejn ix-xmara ż-żgħira li tgħaddi miċ-ċentru tal-belt. Wara nkomplu triqitna lejn l-ajruport ta' Zagreb għat-titjira FR2185 li ttir fis-18:05 u naslu lura Malta fit-20:05.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €830 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €840 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,080 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €780 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira, Ryanair għal Zagreb
- 20Kgs Bagalja
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm)
- 4 lljieli - Hotel Dubrovnik 4 star fiċ-ċentru ta' Zagreb
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

